Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2026
(OR. en)

12782/26
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0345 (NLE)

COPEN 313
JUSTCIV 134
FREMP 344
JAI 1093

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 594 annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat, fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 594 annex.

Mehmuż: COM(2026) 594 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2026
COM(2026) 594 final

ANNEX 2

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat, fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali

ANNESS 2

IL-KONVENZJONI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PROFESSJONI TA' AVUKAT (CETS NRU 226) (IL-LUSSEMBURGU, 13.V.2025)

Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa - Nru 226

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat

Il-Lussemburgu, 13.V.2025

Preambolu

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-firmatarji l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni,

Filwaqt li jikkunsidraw li l-Kunsill tal-Ewropa għandu l-għan li jikseb għaqda akbar fost il-membri tiegħu;

Filwaqt li jfakkru fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 5, 1950) u l-Protokolli tagħha u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

B'kont meħud tal-Prinċipji Bażiċi dwar ir-Rwol tal-Avukati, adottati mit-Tmien Kungress tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u t-Trattament tat-Trasgressuri (Havana, Kuba, is-27 ta' Awwissu - is-7 ta' Settembru 1990);

B'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni Rec(2000)21 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-libertà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' avukat;

B'kont meħud tar-Riżoluzzjoni 44/9 dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, tal-ġurati u tal-assessuri, u l-indipendenza tal-avukati, adottata mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fis-16 ta' Lulju 2020;

Filwaqt li jenfasizzaw ir-rwol fundamentali li l-avukati u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom għandhom fid-difiża tal-istat tad-dritt, l-iżgurar tal-aċċess għall-ġustizzja u l-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

Filwaqt li jinnotaw bi tħassib serju li l-avukati qed ikunu dejjem aktar soġġetti għal attakki, theddid, fastidju u intimidazzjoni minħabba l-attivitajiet professjonali tagħhom kif ukoll għal tfixkil jew interferenza mhux xierqa meta jwettqu l-attivitajiet professjonali leġittimi tagħhom;

Filwaqt li jikkundannaw l-attakki, it-theddid, il-fastidju, l-intimidazzjoni u t-tfixkil jew l-interferenza mhux xierqa kollha bħal dawn;

Filwaqt li jikkunsidraw il-mod differenti li bih il-professjoni ta' avukat tista' tiġi organizzata fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-firmatarji l-oħra ta' din il-Konvenzjoni;

Filwaqt li jikkunsidraw il-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas legali internazzjonali biex tiġi żgurata l-libertà li tiġi pprattikata l-professjoni ta' avukat,

Ftiehmu kif ġej:

Kapitolu I – Għan, ambitu u użu tat-termini

Artikolu 1 – Għanijiet tal-Konvenzjoni

(1) L-għan ta' din il-Konvenzjoni huwa li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-professjoni ta' avukat u d-dritt li persuna tipprattika din il-professjoni b'indipendenza u mingħajr

diskriminazzjoni, tfixkil jew interferenza mhux xierqa, jew li tkun suġġetta għal attakki, theddid, fastidju jew intimidazzjoni.

(2) Din il-Konvenzjoni tistabbilixxi mekkaniżmu speċifiku ta' monitoraġġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tagħha mill-Partijiet.

Artikolu 2 – Ambitu

(1) Din il-Konvenzjoni tapplika għall-attivitajiet professjonali tal-avukati u tal-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom.

(2) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 5 sa 9 ta' din il-Konvenzjoni huma, safejn rilevanti għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom, applikabbli għal dawk l-avukati li jipprovdu, taħt it-titolu domestiku tagħhom, pariri legali, assistenza jew rappreżentanza f'Parti u li:

(a) huma inklużi fl-ambitu ta' dikjarazzjoni magħmula minn Parti oħra skont l-Artikolu 20, il-paragrafu 1, ta' din il-Konvenzjoni; jew

(b) qed isiru skont il-liġi ta' dik il-Parti, il-liġi tal-Unjoni Ewropea jew il-ftehimiet internazzjonali.

(3) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 6 (drittijiet professjonali tal-avukati), 7 (libertà tal-espressjoni) u 9 (miżuri protettivi), il-paragrafu 4, ta' din il-Konvenzjoni huma applikabbli wkoll għal:

(a) kwalunkwe persuna li, bi ksur tal-Artikoli 5 u 8 ta' din il-Konvenzjoni, ġiet irrifjutata l-kwalifika ta' avukat jew liċenzja biex tipprattika jew dawn ġew revokati jew sospiżi;

(b) kwalunkwe persuna li hija rikonoxxuta minn qorti jew tribunal internazzjonali, jew korp stabbilit minn organizzazzjoni internazzjonali, bħala kompetenti biex taġixxi fi proċedimenti quddiemha meta tagħti pariri dwar jew taġixxi f'tali proċedimenti.

(4) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 6, il-paragrafu 3, is-subparagrafi b u c, u 9, il-paragrafu 4, ta' din il-Konvenzjoni huma applikabbli wkoll għal persuni impjegati jew ingaġġati minn avukati biex jassistuhom safejn dawn jikkontribwixxu direttament għat-twettiq tal-attivitajiet professjonali ta' dawk l-avukati.

(5) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4, ta' din il-Konvenzjoni huma applikabbli wkoll għal persuni impjegati jew ingaġġati biex jassistu assoċjazzjonijiet professjonali safejn huwa kkonċernat it-twettiq minnhom tal-attivitajiet professjonali ta' dawk l-assoċjazzjonijiet.

Artikolu 3 – Użu ta' termini

Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) "avukat" għandha tfisser kwalunkwe persuna fiżika li hija kkwalifikata u awtorizzata, skont il-liġi nazzjonali, biex tipprattika l-professjoni ta' avukat;

(b) "klijent" għandha tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tingħata parir, tiġi assistita jew rappreżentata minn avukat;

(c) 'klijent prospettiv' għandha tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tfittex, direttament jew indirettament, li tingħata parir, tiġi assistita jew rappreżentata mill-avukat ikkonċernat;

(d) “assoċjazzjoni professjonali” għandha tfisser korp rappreżentattiv li għalih jappartjenu wħud mill-avukati jew l-avukati kollha, kemm direttament jew indirettament, jew li hu rreġistrat u li għandu xi responsabbiltà għall-organizzazzjoni jew ir-regolamentazzjoni tal-professjoni tagħhom skont il-liġi nazzjonali;

(e) “attivitajiet professjonali ta’ avukati” għandha tfisser kwalunkwe azzjoni għat-tħejjija jew l-għoti ta’ pariri, assistenza jew rappreżentanza għal klijent jew klijent prospettiv b’rabta mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-liġi, kemm jekk nazzjonali, barranija jew internazzjonali, kemm fil-Partijiet fejn huma stabbiliti kif ukoll kull fejn dan jista’ jitwettaq, inkluż b’rabta mal-proċedimenti u l-ħidma ta’ qorti jew tribunal internazzjonali jew korp stabbilit minn organizzazzjoni internazzjonali;

(f) “attivitajiet professjonali ta’ assoċjazzjonijiet professjonali” għandha tfisser kwalunkwe azzjoni koperta mill-Artikolu 4, paragrafu 2, ta’ din il-Konvenzjoni;

(g) “awtoritajiet pubbliċi” għandha tfisser:

(a) il-gvern u l-amministrazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

(b) il-korpi leġiżlattivi u l-awtoritajiet ġudizzjarji safejn iwettqu funzjonijiet amministrattivi skont il-liġi nazzjonali;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi safejn dawn jeżerċitaw awtorità amministrattiva;

(h) “preskritt bil-liġi” u “meħtieġ f’soċjetà demokratika” għandhom jinftiehmu skont it-tifsira tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif interpretata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Kapitolu II – Dispożizzjonijiet sostantivi

Artikolu 4 — Assoċjazzjonijiet professjonali

(1) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-qafas legali u regolatorju nazzjonali jiggarantixxi li l-assoċjazzjonijiet professjonali jkunu korpi indipendenti u awtonomi. Kwalunkwe elezzjoni tal-korpi eżekuttivi tagħhom għandha ssir f’konformità mar-regoli applikabbli u mingħajr interferenza esterna.

(2) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-assoċjazzjonijiet professjonali jkunu jistgħu:

(a) jippromwovu u jirrappreżentaw l-interessi tal-avukati u tal-professjoni tagħhom;

(b) jippromwovu u jiddefendu l-indipendenza tal-avukati u r-rwol tagħhom fis-soċjetà;

(c) jelaboraw standards professjonali ta’ kondotta u jippromwovu l-osservanza tagħhom, f’konformità ma’ din il-Konvenzjoni;

(d) jippromwovu l-aċċess għall-professjoni u l-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi tal-avukati;

(e) jikkooperaw ma’ avukati, assoċjazzjonijiet professjonali oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi jew mhux governattivi dwar kwistjonijiet tal-liġi u l-prattika tal-liġi, inklużi l-promozzjoni u l-protezzjoni tar-rwol tal-avukati; kif ukoll

(f) jippromwovu l-benesseri tal-avukati u jassistu lilhom u lill-familji tagħhom fejn meħtieġ.

(3) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-assoċjazzjonijiet professjonali jiġu kkonsultati fil-ħin u b'mod effettiv dwar proposti mill-gvern għal kwalunkwe bidla fil-leġiżlazzjoni, fir-regoli proċedurali u amministrattivi li jaffettwaw direttament l-attivitajiet professjonali tal-avukati u r-regolamentazzjoni tal-professjoni.

(4) Il-partijiet għandhom jiżguraw li kwalunkwe rekwiżit ta' appartenenza għal assoċjazzjoni professjonali ma jipprekludix lill-avukati milli jiffurmaw u jieħdu sehem f'assoċjazzjonijiet oħra biex jippromwovu l-interessi u l-attivitajiet professjonali tagħhom.

Artikolu 5 – Intitolament għall-prattika

(1) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-ammissjoni, l-awtorizzazzjoni kontinwa u r-riammissjoni biex jipprattikaw bħala avukat ikunu preskritti mil-liġi u jkunu:

(a) abbażi ta' kriterji oġġettivi, rilevanti u trasparenti li jiġu applikati permezz ta' proċess ġust; kif ukoll

(b) mhux soġġetti għal diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni pprojbita mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(2) Il-partijiet għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-ammissjoni, l-awtorizzazzjoni kontinwa u r-riammissjoni biex wieħed jipprattika bħala avukat jittieħdu minn assoċjazzjoni professjonali jew korp indipendenti ieħor u jkunu soġġetti għal kontestazzjoni quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi.

Artikolu 6 – Drittijiet professjonali tal-avukati

(1) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-avukati jkunu jistgħu:

(a) joffru u jipprovdu pariri legali, assistenza u rappreżentanza, inkluż għall-fini tad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

(b) jaqblu jew jirrifjutaw li jaċċettaw kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika bħala klijenti tagħhom u jtemmu r-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent;

(c) ikollhom aċċess fil-pront u effettiv għall-klijenti u l-klijenti prospettivi tagħhom, anke meta dawn jiġu mċaħħda mil-libertà;

(d) ikunu rikonoxxuti bħala persuni li huma awtorizzati jagħtu pariri, jassistu jew jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom;

(e) ikollhom aċċess effettiv għal kwalunkwe materjal rilevanti fil-pussess jew fil-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-qrati u tat-tribunali kompetenti meta jaġixxu f'isem il-klijenti tagħhom mingħajr dewmien u restrizzjonijiet bla bżonn;

(f) ikollhom aċċess effettiv għal qorti, tribunal jew korp simili ieħor li quddiemhom huma kkwalifikati li jidhru u komunikazzjoni magħhom;

(g) jippreżentaw rikorsi jew mozzjonijiet f'isem il-klijenti tagħhom, inkluż fir-rigward tal-iskwalifika ta' mħallef, prosekutur jew membru ta' korp imsejjaħ biex jiddeċiedi f'kawża partikolari u t-tmexxija tal-proċedimenti;

(h) jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedimenti kollha li fihom ikunu qed jaġixxu f'isem il-klijenti tagħhom;

(i) jinfurmaw lill-pubbliku dwar is-servizzi tagħhom.

(2) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-avukati ma jkollhomx responsabbiltà ċivili jew kriminali għal dikjarazzjonijiet orali u bil-miktub magħmula *in bona fede* u b'diliġenza fit-twettiq tal-proċedimenti kollha f'isem il-klijenti tagħhom.

(3) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-avukati:

(a) jistgħu jipprovdu lill-klijenti jew lill-klijenti prospettivi tagħhom b'pariri legali fil-privat meta jiltaqgħu magħhom personalment;

(b) jistgħu jikkomunikaw b'mod kunfidenzjali mal-klijenti jew mal-klijenti prospettivi tagħhom, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma li tista' sseħħ tali komunikazzjoni;

(c) ma jkunux meħtieġa jiddivulgaw, iċedu jew jagħtu evidenza rigward kwalunkwe informazzjoni jew materjal riċevut, kemm direttament kif ukoll indirettament, mingħand klijenti jew klijenti prospettivi, kif ukoll kwalunkwe skambju magħhom, u kwalunkwe materjal imħejji b'rabta ma' dawk l-iskambji jew mat-twettiq ta' proċedimenti legali f'isimhom.

(4) Ma għandha ssir l-ebda restrizzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti skont il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, għajr dawk preskritti mil-liġi u li huma meħtieġa f'soċjetà demokratika. Tali restrizzjonijiet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, rekwiżiti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' pariri legali, assistenza u rappreżentanza għal kulħadd.

(5) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-avukati ma jsofrux konsegwenzi negattivi minħabba li jiġu identifikati mal-klijenti tagħhom jew mal-kawża tal-klijenti tagħhom. Dan l-Artikolu għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-espressjoni kif protetta mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-liġi domestika.

Artikolu 7 – Libertà ta' espressjoni

(1) Il-partijiet għandhom jiżguraw id-dritt tal-avukati li jinfurmaw lill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati mal-każijiet tal-klijenti tagħhom, soġġetti biss għal restrizzjonijiet preskritti mil-liġi u li jirriżultaw minn responsabbiltajiet professjonali, ir-rekwiżiti tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u r-rispett għall-ħajja privata, u li huma meħtieġa f'soċjetà demokratika.

(2) Il-partijiet għandhom jiżguraw id-dritt tal-avukati, individwalment u kollettivament, u tal-assoċjazzjonijiet professjonali li jippromwovu l-istat tad-dritt u l-aderenza miegħu, li jieħdu sehem f'diskussjoni pubblika dwar is-sustanza, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali eżistenti u proposti, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-aċċess għaliha u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll li jagħmlu proposti għal riformi li jikkonċernaw dawn il-kwistjonijiet.

Artikolu 8 – Dixxiplina

(1) Il-Partijiet għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għal azzjoni dixxiplinari kontra l-avukati jkunu bbażati esklużivament fuq standards professjonali ta' kondotta li huma preskritti mil-liġi u li huma stess ikunu konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

(2) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-proċedimenti dixxiplinari kontra l-avukati jkunu:

(a) miġjuba quddiem:

(a) kumitat dixxiplinarju indipendenti u imparzjali stabbilit minn assoċjazzjoni professjonali,

(b) awtorità indipendenti u imparzjali; jew

(c) qorti indipendenti u imparzjali jew tribunal stabbilit mil-liġi;

(b) pproċessati malajr;

(c) imwettqa b'mod konsistenti mar-rekwiżiti għal proċess ġust skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u bid-dritt li jingħataw pariri, jiġu assistiti jew rappreżentati minn avukat tal-għażla tagħhom; kif ukoll

(d) suġġetti għal kontestazzjoni mill-avukat ikkonċernat quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi.

(3) Il-partijiet għandhom jiżguraw li kwalunkwe sanzjoni dixxiplinari imposta fuq l-avukati tirrispetta l-prinċipji tal-legalità, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità. Jenħtieġ li kwalunkwe projbizzjoni fuq id-dritt li wieħed jipprattika tiġi imposta biss għall-aktar ksur serju tal-istandards professjonali.

Artikolu 9 – Miżuri protettivi

(1) Il-partijiet għandhom jiżguraw, soġġett għal restrizzjonijiet li huma preskritti mil-liġi u li huma meħtieġa f'soċjetà demokratika għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tal-kriminalità jew għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' oħrajn, li l-avukati:

(a) ikollhom aċċess għal avukat tal-għażla tagħhom f'każ li jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom;

(b) jistgħu jinfurmaw rappreżentant tal-assoċjazzjoni professjonali tagħhom, mingħajr dewmien żejjed, dwar iċ-ċaħda tal-libertà tagħhom, il-bażi legali għaliha u l-post fejn jinżammu;

(c) ikollhom avukat indipendenti jew rappreżentant tal-assoċjazzjoni professjonali tagħhom preżenti matul:

(a) kwalunkwe tfittxija mwettqa bħala parti minn investigazzjoni jew proċess ċivili, kriminali jew amministrattiv tagħhom stess jew ta' kwalunkwe bini, vettura jew apparat użat minnhom għall-attivitajiet professjonali tagħhom; jew

(b) is-sekwestru jew l-ikkupjar ta' dokumenti, kwalunkwe data oħra u kwalunkwe tip ta' tagħmir użat minnhom għall-attivitajiet professjonali tagħhom;

ħlief fejn ma jkun hemm l-ebda eżami tad-dokumenti jew tad-data minn dawk li jwettqu t-tfittxija jew is-sekwestru;

(d) jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom fis-subparagrafi a, b, u c ta' dan il-paragrafu meta jiġu mċaħħda mil-libertà, u qabel ma jkunu suġġetti għal tfittxijiet jew is-sekwestru jew l-ikkupjar ta' dokumenti.

(2) Il-partijiet għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa u li dawn jiġu osservati meta jsiru spezzjonijiet jew jittieħdu miżuri oħra skont is-superviżjoni tal-professjoni.

(3) Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-assoċjazzjonijiet professjonali jkunu jistgħu, suġġetti għal restrizzjonijiet li huma preskritti mil-liġi u li huma meħtieġa f'soċjetà demokratika għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità jew għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' oħrajn, jissalvagwardjaw id-drittijiet stabbiliti f'din il-Konvenzjoni, inkluż billi:

(a) jkollhom, permezz tar-rappreżentanti tagħhom, aċċess effettiv għall-avukati mċaħħda mil-libertà tagħhom, jekk l-avukati kkonċernati jitolbu dan;

(b) jiġu infurmati mingħajr dewmien żejjed dwar każijiet, li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu konxji tagħhom, ta' avukati li jkunu qed jiġu attakkati jew maqtula fejn ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li dan ikun minħabba l-attivitajiet professjonali tagħhom u dawn il-każijiet ma jkunux saru pubbliċi b'xi mod ieħor u fejn l-avukati ma jkunux f'pożizzjoni li jinfurmawhom huma stess;

(c) ikollhom il-possibbiltà li jattendu seduti ta' smigħ fi kwalunkwe proċediment imressaq kontra avukati meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li dan ikun minħabba l-attivitajiet professjonali tagħhom.

(4) Il-partijiet:

(a) għandhom jiżguraw li l-avukati u l-assoċjazzjonijiet professjonali tagħhom ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 7 ta' din il-Konvenzjoni mingħajr ma jkunu l-mira ta':

(a) kwalunkwe forma ta' attakk fiżiku, theddid, fastidju jew intimidazzjoni; jew

(b) kwalunkwe tfixkil jew interferenza mhux xierqa;

(b) għandhom joqgħodu lura milli jinvolvu ruħhom fl-imġiba speċifikata fis-subparagrafu a ta' dan il-paragrafu; kif ukoll

(c) għandhom iwettqu investigazzjoni effettiva dwar l-okkorrenza ta' mġiba speċifikata mis-subparagrafu a ta' dan il-paragrafu meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li dan jista' jammonta għal reat kriminali.

(5) Il-partijiet għandhom joqogħdu lura milli jadottaw kwalunkwe miżura jew japprovaw kwalunkwe prattika li timmina l-indipendenza u n-natura awtonoma tal-assoċjazzjonijiet professjonali.

Kapitolu III – Mekkaniżmu ta' monitoraġġ

Artikolu 10 – Grupp ta' Esperti dwar il-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat

(1) Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ GRAVO) għandu jissorvelja l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni mill-Partijiet.

(2) GRAVO għandu jkun magħmul minn minimu ta' tmien membri u massimu ta' 12-il membru. Il-membri tiegħu għandhom jiġu eletti mill-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit bl-Artikolu 11 ta' din il-Konvenzjoni, minn fost kandidati nominati mill-Partijiet għal mandat ta' 4 snin, li jista' jiġġedded darba, u magħżula minn fost ċittadini tal-Partijiet.

(3) L-elezzjoni inizjali ta' tmien membri għandha ssir fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni. L-elezzjoni ta' erba' membri addizzjonali għandha ssir wara l-25 ratifika jew adeżjoni.

(4) L-elezzjoni tal-membri ta' GRAVO għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-membri għandhom jintgħażlu skont proċedura trasparenti minn fost persuni ta' karattru morali għoli, li jkunu wrew esperjenza professjonali fl-oqsma koperti minn din il-Konvenzjoni;

(b) l-ebda żewġ membri ta' GRAVO ma jistgħu jkunu ċittadini tal-istess Stat;

(c) jenħtieġ li l-membri jirrappreżentaw sistemi legali differenti;

(d) il-kompożizzjoni ta' GRAVO għandha tiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku;

(e) il-membri għandhom ipoġġu fil-kapaċità individwali tagħhom u għandhom ikunu indipendenti u imparzjali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, u għandhom ikunu disponibbli biex iwettqu dmirijiethom b'mod effettiv.

(5) Il-proċedura tal-elezzjoni tal-membri ta' GRAVO għandha tiġi stabbilita mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, wara li jikkonsulta mal-Partijiet u jikseb il-kunsens unanimu tagħhom, fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni.

(6) GRAVO għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(7) Il-membri ta' GRAVO, u membri oħra ta' delegazzjonijiet li jwettqu żjarat fil-pajjiżi kif stabbilit fl-Artikolu 12 ta' din il-Konvenzjoni, għandhom igawdu l-privileġġi u l-immunitajiet stabbiliti fl-appendiċi għal din il-Konvenzjoni.

Artikolu 11 – Kumitat tal-Partijiet

(1) Il-Kumitat tal-Partijiet għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni u l-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu bilanċ bejn il-ġeneri fil-kompożizzjoni tiegħu.

(2) Il-Kumitat tal-Partijiet għandu jitlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-ewwel laqgħa tiegħu għandha ssir fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni. Imbagħad għandu jerġa' jiltaqa' kull meta mill-inqas terz tal-Partijiet, il-President tal-Kumitat tal-Partijiet jew is-Segretarju Ġenerali hekk jitlob.

(3) Il-Kumitat tal-Partijiet għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Artikolu 12 – Il-Proċedura

(1) Il-proċeduri ta' evalwazzjoni għandhom jinqasmu f'ċikli. GRAVO għandha tiddefinixxi l-ambitu u l-mezzi xierqa biex titwettaq din il-proċedura, bħal kwestjonarji li jistgħu jservu bħala bażi għall-proċedura ta' evalwazzjoni tal-implimentazzjoni mill-Partijiet.

(2) GRAVO għandu jirċievi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Parti kkonċernata. Barra minn hekk, jista' jirċievi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u mis-soċjetà ċivili, minn assoċjazzjonijiet professjonali, kif ukoll minn istituzzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. GRAVO għandu jqis kif xieraq ukoll l-informazzjoni disponibbli minn strumenti u korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll minn organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħra, f'oqsma li jaqgħu fl-ambitu ta' din il-Konvenzjoni.

(3) GRAVO jista' jorganizza żjarat fil-pajjiżi, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u, fejn meħtieġ, bl-assistenza ta' esperti nazzjonali indipendenti, jekk l-informazzjoni miksuba ma tkunx biżżejjed u ma jkun hemm l-ebda mod fattibbli ieħor biex tinkiseb l-informazzjoni b'mod affidabbli jew fil-każijiet previsti fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2, ta' din il-Konvenzjoni. Iż-żjarat għandhom ikunu sussidjarji u ristretti għaż-żoni fejn GRAVO jiddeċiedi li l-informazzjoni ma tkunx biżżejjed u għall-każijiet previsti fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2, ta' din il-Konvenzjoni.

(4) Iż-żjarat għandhom isiru minn delegazzjoni ta' GRAVO. Matul iż-żjarat, id-delegazzjoni tista' tiġi assistita minn speċjalisti f'oqsma speċifiċi. Matul iż-żjarat, jenħtieġ li d-delegazzjoni:

(a) tgawdi mil-libertà ta' moviment fil-ġuriżdizzjoni rilevanti;

(b) tkun tista' jkollha kuntatt mal-awtoritajiet tal-Istat;

(c) ma tinżammx milli tiltaqa' mal-persuni li tixtieq tintervista fil-privat;

(d) ikollha aċċess għall-materjal rilevanti għaż-żjara fil-pajjiż.

(5) GRAVO għandu jħejji abbozz ta' rapport li jkun fih l-analiżi tiegħu dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata l-evalwazzjoni, kif ukoll is-suġġerimenti u l-proposti tiegħu dwar il-mod li bih il-Parti kkonċernata tista' tittratta l-problemi li jkunu ġew identifikati. L-abbozz tar-rapport għandu jintbagħat għall-kummenti lill-Parti li tkun għaddejja mill-evalwazzjoni. Il-kummenti tagħha għandhom jitqiesu minn GRAVO meta jadotta r-rapport tiegħu.

(6) Abbażi tal-informazzjoni kollha riċevuta u l-kummenti mill-Parti kkonċernata, GRAVO għandu jadotta r-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu rigward il-miżuri meħuda mill-Parti biex timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Dan ir-rapport u l-konklużjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Parti kkonċernata u l-Kumitat tal-Partijiet. Ir-rapport u l-konklużjonijiet ta' GRAVO għandhom isiru pubbliċi mill-adozzjoni tagħhom, flimkien ma' kwalunkwe kumment mill-Parti kkonċernata.

(7) Mingħajr preġudizzju għall-proċedura tal-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat tal-Partijiet jista' jadotta, abbażi tar-rapport u l-konklużjonijiet ta' GRAVO, rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Parti kkonċernata:

(a) rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġu implimentati l-konklużjonijiet ta' GRAVO, jekk meħtieġ tiġi stabbilita data għas-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom; kif ukoll

(b) bl-għan li tiġi promossa l-kooperazzjoni ma' din il-Parti għall-implimentazzjoni xierqa ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 13 – Proċedura ta' urġenza

(1) Jekk GRAVO jirċievi informazzjoni affidabbli li tindika sitwazzjoni fejn il-problemi jeħtieġu attenzjoni immedjata biex tiġi evitata jew limitata l-iskala jew l-għadd ta' ksur serju tal-Konvenzjoni, huwa jista' jitlob lill-Parti kkonċernata biex tippreżenta b'mod urġenti rapport speċjali dwar il-miżuri meħuda biex jiġi evitat ksur bħal dan.

(2) B'kont meħud tal-informazzjoni ppreżentata mill-Parti kkonċernata, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni affidabbli oħra disponibbli għaliha, GRAVO jista' jaħtar wieħed jew aktar mill-membri tiegħu biex imexxu inkjesta u jirrapportaw b'mod urġenti lil GRAVO. Fejn ikun ġustifikat u bil-kunsens tal-Parti kkonċernata, l-inkjesta tista' tinkludi żjara fit-territorju tagħha.

(3) Wara li teżamina s-sejbiet tal-inkjesta msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, GRAVO għandha jibgħat dawn is-sejbiet lill-Parti kkonċernata u, fejn xieraq, lill-Kumitat tal-Partijiet, lill-Kumitat tal-Ministri u lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, flimkien ma' kwalunkwe kumment u rakkomandazzjoni. Ir-rapport u l-konklużjonijiet ta' GRAVO għandhom isiru pubbliċi mill-adozzjoni tagħhom, flimkien ma' kummenti mill-Parti kkonċernata.

Artikolu 14 – Opinjonijiet

GRAVO jista' jadotta, fejn xieraq, opinjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 15 – Relazzjoni ma' korpijiet oħra

Il-Kumitat tal-Ministri u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa għandhom jinżammu informati perjodikament dwar l-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

Kapitolu IV – Relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħra

Artikolu 16 – Relazzjoni ma' istrumenti internazzjonali oħra

(1) Din il-Konvenzjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn strumenti internazzjonali oħra li għalihom il-Partijiet għal din il-Konvenzjoni huma Partijiet jew għandhom isiru Partijiet u li fihom dispożizzjonijiet dwar materji rregolati minn din il-Konvenzjoni u li jiżguraw protezzjoni akbar għad-dritt tal-avukati li jipprattikaw il-professjoni tagħhom liberament.

(2) Il-Partijiet għal din il-Konvenzjoni jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' xulxin dwar il-kwistjonijiet ttrattati f'din il-Konvenzjoni, bl-għan li jissupplimentaw jew isaħħu d-dispożizzjonijiet tagħha jew jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-prinċipji li tħaddan.

Kapitolu V – Klawżoli finali

Artikolu 17 – Iffirmar u dħul fis-seħħ

(1) Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, mill-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha u mill-Unjoni Ewropea.

(2) Din il-Konvenzjoni hija soġġetta għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni. L-istrumenti tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni jew tal-approvazzjoni għandhom ikunu depożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

(3) Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur minn wara d-data meta tmien firmatarji, inklużi mill-anqas sitt Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu ddikjaraw il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Konvenzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti.

(4) Fir-rigward ta' xi firmatarji li sussegwentement jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu biha, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tad-depożitar tal-istrument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni tagħhom.

Artikolu 18 – Adeżjoni mal-Konvenzjoni

(1) Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jista', wara konsultazzjoni mal-Partijiet għal din il-Konvenzjoni u l-kisba tal-

kunsens unanimu tagħhom, jistieden lil kwalunkwe Stat mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa li ma jkunx ipparteċipa fl-elaborazzjoni tal-Konvenzjoni biex jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni b'deċiżjoni meħuda bil-maġġoranza prevista fl-Artikolu 20.d tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Istati kontraenti intitolati li jkunu preżenti fil-Kumitat tal-Ministri.

(2) Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat aderenti, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data tad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

(3) Kwalunkwe Parti li ma tkunx membru tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-GRAVO u tal-Kumitat tal-Partijiet skont il-modalitajiet stabbiliti mill-Kumitat tal-Ministri.

Artikolu 19 – Applikazzjoni territorjali

(1) Kwalunkwe Stat jew l-Unjoni Ewropea tista', waqt l-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni, tispeċifika t-territorju jew it-territorji li għalihom għandha tapplika din il-Konvenzjoni.

(2) Kwalunkwe Parti tista', fi kwalunkwe data aktar tard, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, testendi l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni, meta tkun responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' dak it-territorju jew tkun awtorizzata biex tagħti impenji f'ismu. Fir-rigward ta' tali territorju, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi tali dikjarazzjoni.

(3) Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat f'din id-dikjarazzjoni, tiġi rtirata b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. Dan l-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza tat-tliet xhur wara d-data tal-wasla tan-notifika għand is-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 20 – Id-Dikjarazzjonijiet

(1) Kull Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni għandha, fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tindika t-titoli professjonali li jaqgħu fl-ambitu ta' din il-Konvenzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 3, is-subparagrafu a. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi modifikata fi kwalunkwe data aktar tard u bl-istess mod. Din id-dikjarazzjoni u kwalunkwe modifika tagħha ma għandhomx jimminaw l-għan ta' din il-Konvenzjoni u l-protezzjoni pprovduta minnha.

(2) Kull Parti Kontraenti għal din il-Konvenzjoni tista' fil-mument tal-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tiddikjara li d-definizzjoni ta' "awtoritajiet pubbliċi" tinkludi wieħed jew aktar mill-korpi li ġejjin:

(a) il-korpi leġiżlattivi fir-rigward tal-attivitajiet l-oħra tagħhom;

(b) l-awtoritajiet ġudizzjarji fir-rigward tal-attivitajiet l-oħra tagħhom;

(c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi safejn dawn iwettqu funzjonijiet pubbliċi jew joperaw b'fondi pubbliċi, skont il-liġi domestika.

Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi modifikata fi kwalunkwe data aktar tard u bl-istess mod.

Artikolu 21 – Riżervi

(1) Kwalunkwe Stat jew l-Unjoni Ewropea tista', waqt l-iffirmar jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tiddikjara li tirriżerva d-dritt li ma tapplikax, jew li tapplika biss f'każijiet jew f'kundizzjonijiet speċifiċi biss, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 fir-rigward tal-Artikolu 2, il-paragrafu 3, is-subparagrafu b ta' din il-Konvenzjoni. L-ebda riżerva oħra ma tista' ssir fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

(2) Kwalunkwe Parti tista' tirtira kompletament jew parzjalment riżerva permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir effettiva mid-data meta jirċeviha s-Segretarju Ġenerali.

Artikolu 22 – Emendi tal-Konvenzjoni

(1) Kwalunkwe proposta għal emenda għal din il-Konvenzjoni ppreżentata minn Parti għandha tiġi kkomunikata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa u tintbagħat minnu lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha, lil kwalunkwe Stat firmatarju, lil kwalunkwe Stat Parti, lill-Unjoni Ewropea u lil kwalunkwe Stat mistieden jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18, il-paragrafu 1.

(2) Kwalunkwe emenda proposta minn Parti għandha tiġi kkomunikata lill-Kumitat tal-Partijiet, li għandu jippreżenta lill-Kumitat tal-Ministri l-opinjoni tiegħu dwar dik l-emenda proposta.

(3) Il-Kumitat tal-Ministri għandu jikkunsidra l-emenda proposta u l-opinjoni sottomessa mill-Kumitat tal-Partijiet u jista', wara konsultazzjoni mal-Istati Partijiet mhux membri għal din il-Konvenzjoni, jadotta din l-emenda.

(4) It-test ta' kwalunkwe emenda adottata mill-Kumitat tal-Ministri f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jintbagħat lill-Partijiet għall-aċċettazzjoni.

(5) Kwalunkwe emenda adottata f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' xahar mid-data li fiha l-Partijiet kollha jkunu informaw lis-Segretarju Ġenerali li huma aċċettawaha.

Artikolu 23 – Denunzja

(1) Kwalunkwe Parti tista', fi kwalunkwe waqt, tiddenunzja din il-Konvenzjoni permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

(2) Tali denunzja għandha ssir effettiva fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi n-notifika.

Artikolu 24 – Notifiki

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha, lil kwalunkwe Stat firmatarju, lil kwalunkwe Parti tal-Istat, lill-Unjoni Ewropea u lil kwalunkwe Stat mistieden jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 dwar:

(a) kwalunkwe firma;

(b) id-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, ta' aċċettazzjoni, ta' approvazzjoni jew ta' adeżjoni;

(c) kwalunkwe data ta' dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikoli 17 u 18;

(d) kwalunkwe emenda adottata f'konformità mal-Artikolu 22 u d-data li fiha tali emenda tidħol fis-seħħ;

(e) kwalunkwe dikjarazzjoni li tkun saret skont l-Artikolu 20;

(f) kwalunkwe riżerva u rtirar ta' riżerva magħmula skont l-Artikolu 21;

(g) kwalunkwe denunzja li tkun saret skont l-Artikolu 23;

(h) kwalunkwe att, notifika jew komunikazzjoni oħra relatata ma' din il-Konvenzjoni.

B'xhieda ta' dan, il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati kif xieraq biex jagħmlu dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar il-13-il jum tax-xahar ta' Mejju 2025, bl-Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi awtentiċi indaqs, f'kopja waħdanija li għandha tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jibgħat kopji ċċertifikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Istati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, lill-Unjoni Ewropea u kwalunkwe Stat mistieden jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni.

Appendiċi - Privileġġi u immunitajiet (l-Artikolu 10)

(1) Dan l-appendiċi għandu japplika għall-membri ta' GRAVO msemmija fl-Artikolu 10 ta' din il-Konvenzjoni, kif ukoll għal membri oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiż. Għall-fini ta' dan l-appendiċi, l-espressjoni "membri oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiż" għandha tinkludi l-esperti nazzjonali indipendenti u l-ispeċjalisti msemmija fl-Artikolu 12, il-paragrafi 3 u 4, ta' din il-Konvenzjoni, il-membri tal-persunal tal-Kunsill tal-Ewropa u l-interpreti impjegati mill-Kunsill tal-Ewropa li jakkumpanjaw lil GRAVO matul iż-żjarat tiegħu fil-pajjiżi.

(2) Il-membri ta' GRAVO u l-membri l-oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiżi għandhom, waqt li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom relatati mat-tħejjija u t-twettiq ta' żjarat fil-pajjiżi, kif ukoll is-segwitu tagħhom u waqt li jivvjaġġaw b'rabta ma' dawk il-funzjonijiet, igawdu mill-privileġġi u l-immunitajiet li ġejjin:

   (a) immunità mill-arrest personali jew detenzjoni u mis-sekwestru tal-bagalji personali tagħhom, u immunità minn proċess legali ta' kull xorta fir-rigward ta' kliem mitkellem jew miktub u l-atti kollha mwettqa minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom;

   (b) eżenzjoni minn kull restrizzjoni fuq il-libertà ta' moviment tagħhom dwar ħruġ minn u r-ritorn fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, u dħul u ħruġ mill-pajjiż li fih huma jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, u minn reġistrazzjoni aljena fil-pajjiż li qed iżuru jew li minnu għandhom jgħaddu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

(3) Matul il-vjaġġi li jsiru fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, il-membri ta' GRAVO u l-membri l-oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiż għandhom, fil-kwistjoni tad-

dwana u l-kontroll tal-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet bħal dawk mogħtija lir-rappreżentanti ta' gvernijiet barranin fuq dover uffiċjali temporanju.

(4) Id-dokumenti relatati mal-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni li jinsabu fuq il-membri ta' GRAVO u membri oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiż għandhom ikunu invjolabbli. L-ebda waqfien jew ċensura ma għandha tiġi applikata għall-korrispondenza uffiċjali ta' GRAVO jew għall-komunikazzjonijiet uffiċjali ta' membri ta' GRAVO u membri oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiż.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-membri ta' GRAVO u l-membri l-oħra tad-delegazzjonijiet li jżuru l-pajjiż ikollhom libertà sħiħa tal-kelma u indipendenza sħiħa fil-qadi ta' dmirijiethom, għandha tkompli tingħata immunità minn proċess legali fir-rigward ta' kliem mitkellem jew miktub u l-atti kollha magħmula minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom, minkejja li l-persuni kkonċernati ma jkunux għadhom involuti fit-twettiq ta' tali dmirijiet.

(6) Il-privileġġi u l-immunitajiet jingħataw lill-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-appendiċi sabiex jissalvagwardjaw l-eżerċizzju indipendenti tal-funzjonijiet tagħhom fl-interess ta' GRAVO u mhux għall-benefiċċju personali tagħhom. It-tneħħija tal-immunitajiet tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-appendiċi għandha ssir mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa fi kwalunkwe każ fejn, fl-opinjoni tiegħu, l-immunità timpedixxi l-kors tal-ġustizzja u fejn tista' titneħħa mingħajr preġudizzju għall-interessi ta' GRAVO.